# Il-Pjan Strateġiku ta' L-Università ta' Malta 2026–2030

*Niżviluppaw l-għarfien. Insaħħu l-ħiliet tal-istudenti. Nittrasformaw is-soċjetà.*

L-Università
ta' Malta



# IL-VIŻJONI TAGĦNA

***Niżviluppaw għarfien li jispirana***
***Insaħħu l-ħiliet tal-istudenti għat-tagħlim tul il-ħajja***
***Nixprunaw bidla li tittrasforma s-soċjetà***

Il-viżjoni tagħna fl-Università ta' Malta (UM) hi li niżviluppaw għarfien li jqanqal il-kurżità, il-ħeġġa għall-iskoperta, il-kreattività, u l-innovazzjoni, u fl-istess ħin insaħħu l-ħiliet tal-istudenti biex jikbru u jiżviluppaw bħala mexxejja, persuni li kapaċi jsolvu l-problemi u jibqgħu jitgħallmu tul il-ħajja. Permezz tal-eċċellenza fit-tagħlim, ir-riċerka u l-impenn tagħna, nippruvaw insawru tagħlim u proċessi ta' tagħlim li jibqgħu rilevanti u kapaċi jimirħu lil hinn mill-imkejjen stabbiliti tat-tagħlim u nħallu impatt li jittrasforma u jsaħħaħ il-komunitajiet u jsawwar soċjetà aħjar għal dawk li ġejjin warajna.



# IL-MISSJONI TAGĦNA

Aħna marbutin li niżviluppaw l-għarfien permezz ta' riċerka dejjem aġġornata u tagħlim innovattiv; li nagħtu lill-istudenti l-għarfien, il-ħiliet, u l-mentalità li kapaċi jmexxu, ikunu innovattivi, u jibqgħu jitgħallmu matul ħajjithom u fi mkejjen ta' tagħlim differenti minn dawk tradizzjonali. L-għarfien għandu jqanqal fina l-kurżità, il-kreattività u l-ħeġġa li niskopru, u jmexxi lill-istudenti u 'l-akkademiċi tagħna lejn orizzonti ġodda fil-mod kif jifhmu l-affarijiet. L-impenn tagħna għat-tagħlim imur lil hinn minn dak tradizzjonali: permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim f'kull qasam tal-ħajja u x-xogħol, mifruxin fl-istess ħin f'diversi pajsaġġi soċjali, diġitali u fiżiċi, l-istudenti tagħna se jiżviluppaw ħiliet tul il-ħajja li jsaħħu l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom. Aħna u nsarrfu l-għarfien li niksbu f'soluzzjonijiet li jaqduna fil-ħajja ta' kuljum, inkunu qed inħallu impatt li jittrasforma l-individwi, isaħħaħ il-komunitajiet u jikkontribwixxi għal soċjetà aktar sostenibbli, ġusta ma' kulħadd, u li tirnexxi. Meta nqiegħdu lill-istudenti, l-akkademiċi u l-komunità kollha tal-Università fil-qalba tal-missjoni tagħna, inkunu qed ngħinuhom jikbru bħala individwi. Permezz tal-kollaborazzjoni, l-inklużività, u l-impenn fi ħdan l-Università kollha, ma' partijiet interessati 'l barra mill-Università, u fuq livell nazzjonali u internazzjonali, infittxu li nsawru s-soċjetà tagħna billi nixprunaw il-progress, inrawmu l-innovazzjoni u naffrontaw l-ikbar sfidi ta' żmienna. Aħna nħabirku biex, fl-aħħar mill-aħħar, insawru università reżiljenti li kapaċi taddatta ruħha malajr, tibqa' miexja 'l quddiem minkejja l-isfidi, u tikber u tissaħħaħ fi żmien ta' tfixkil, bidliet mgħaġġla, u sfidi globali.



# IL-MESSAĠĠ TAR-RETTUR



**PROFESSUR ALFRED J. VELLA**

L-universitajiet madwar id-dinja qed ikomplu jaqdu l-funzjoni tagħhom bħala ċentri importanti għall-ħolqien tal-għarfien u l-innovazzjoni. Waqt li jżommu r-riċerka dejjem fil-qalba tal-identità tagħhom, qed ikomplu jwettqu l-missjoni tagħhom li jġib 'il quddiem it-tagħlim fil-komunitajiet differenti.

Saħansitra mijiet ta' snin qabel ma saru ċentri importanti u rispettati għall-ħolqien ta' għarfien ġdid permezz tar-riċerka, l-universitajiet kienu diġà magħrufa bħala postijiet ewlenin għall-ħsieb indipendenti u fejn in-nies setgħu jagħtu u jieħdu tagħlim avvanzat. Illum hemm min qed jgħid li din il-missjoni għandha quddiemha l-isfida tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA). L-universitajiet m'għadhomx jitqiesu bħala l-postijiet li nfittxu għax nafu żgur li fihom se nsibu l-għarfien u l-interpretazzjoni tal-għarfien għax issa qegħdin jiffaċċjaw sfidi minn sorsi diġitali b'saħħithom bħall-IA ġenerattiva, fosthom il-Mudelli Lingwistiċi Kbar (LLMs), li kapaċi jwieġbu l-mistoqsijiet, jispjegaw kunċetti u janalizzaw l-informazzjoni biex isolvu tipi differenti ta' problemi. Dawn it-tweġibiet saħansitra jingħataw fi ftit sekondi. L-universitajiet iridu jagħrfu dan it-taqlib fl-irwol tradizzjonali tagħhom u jaraw kif se jimxu 'l quddiem: minkejja li qegħdin nirreferu għal dawn il-bidliet bħala "taqlib", nafu wkoll li l-IA toffri vantaġġi kbar kemm għat-tagħlim kif ukoll għar-riċerka.

Sfidi kbar oħra li jeħtieġ nindirizzaw jinkludu l-problemi planetarji tat-tisħin globali u t-tibdil fil-klima, instabbiltà ġeopolitika serja u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-universitajiet. Dan il-Pjan Strateġiku huwa konxju ta' dawn l-isfidi u, għalhekk qed iqis il-fatturi rilevanti kollha biex inkunu nistgħu nħarsu din il-ġawhra, L-Università ta' Malta, u naraw li tibqa' rilevanti minħabba l-importanza tagħha għas-sigurtà u l-prosperità ekonomika ta' Malta llum u 'l quddiem. L-Università trid tibqa' toffri għarfien li jwassal għal ħiliet u kompetenzi ta' livell għoli, fosthom ħiliet umani, bl-IA u kollaborattivi. Dawn huma kruċjali għall-ħiliet speċjalizzati tal-ħaddiema kollha, speċjalment fil-kategoriji maniġerjali u professjonali li n-nazzjon jeħtieġ biex jirnexxi. Il-missjoni tat-tagħlim, minsuġa fi prinċipji etiċi sodi, hija essenzjali biex inrawmu fl-istudenti l-ħila kruċjali tal-ħsieb analitiku. B'din il-ħila jkunu kapaċi jiddistingwu l-verżjoni proprja tal-''verità" mill-falzitajiet li jippruvaw ibigħulna l-mezzi online u sorsi oħra ta' informazzjoni qarrieqa. F'dan is-sens, l-Università trawwem ċittadini infurmati u iktar kunfidenti minħabba l-għarfien li kisbu, nies li kapaċi jsaħħu d-demokrazija fis-soċjetà tagħna.

Universitajiet nazzjonali bħal tagħna jeħtieġu investiment finanzjarju kbir iżda dan l-appoġġ biex inwettqu l-missjoni ta' riċerka tagħna huwa essenzjali biex dan l-investiment jagħti l-frott kbir mistenni minnu. L-Università ta' Malta għandha d-dover li taqsam mal-bqija tal-pajjiż il-frott tar-riċerka li twettaq u se tagħmel hekk kemm tista'. Biex tibqa' tagħmel dan se jibqa' jkollha bżonn il-fondi kollha meħtieġa, u b'mod konsistenti, kemm mill-gvern nazzjonali, kif ukoll minn sorsi Ewropej u għejuni oħra.

Aħna konxji tad-diffikultajiet finanzjarji li qed iħabbtu wiċċhom magħhom sħabna fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla fl-Ewropa: l-Università tagħna qed tħabbat wiċċha mal-istess sitwazzjoni. Fid-dawl ta' dawn l-isfidi, permezz ta' dan il-Pjan, l-Università se tagħmel minn kollox biex tikseb ir-riżultati mistennija bl-aktar mod effiċjenti u skont ir-riżorsi u l-investiment li tirċievi. Se nżommu dejjem quddiem għajnejna l-importanza tas-sostenibbiltà f'dak kollu li nagħmlu, inkluż fil-missjoni importanti tal-kuntatt mal-bqija tas-soċjetà. L-Università ta' Malta se tkompli twettaq il-missjoni sħiħa tagħha bl-aktar mod effiċjenti u effettiv possibbli, billi toffri lill-istudenti tagħha ambjent ta' tagħlim akkoljenti u kreattiv, huma x'inhuma l-pajjiżi minn fejn jiġu u l-kultura u t-twemmin tagħhom. Se tkompli trawwem l-inklużività billi tassisti lill-istudenti bi bżonnijiet speċjali u toffri firxa realistika u aċċessibbli ta' taħriġ u speċjalizzazzjoni lil dawk li huma diġà impjegati u li jeħtieġ jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom jew jiksbu ħiliet ġodda. It-tir tagħna hu li nkomplu ntejbu l-pożizzjoni tagħna fir-ranknigs internazzjonali u r-reputazzjoni li ksibna fost l-aqwa universitajiet fid-dinja.

# L-Istrateġija ta' l-Università ta' Malta 2026–2030: Sfond u Kuntest

Din l-Istrateġija tibni fuq l-elementi pożittiv fl-istorja u l-patrimonju tagħna, fuq il-kisbiet reċenti, u fuq l-iżviluppi u l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa.

F'din l-Istrateġija għamilna mezz li nilqgħu u nfissru r-reazzjonijiet, il-kummenti u l-aspirazzjonijiet tal-partijiet interessati fi ħdan l-Università, fosthom l-istudenti, l-akkademiċi, id-Dekani, id-Diretturi, il-Kapijiet tad-Dipartimenti, u l-membri tal-istaff amministrattiv minn entitajiet u uffiċċji differenti. Bejn Ottubru 2023 u Awwissu 2025, bħala Prorettur għall-Ippjanar Strateġiku u s-Sostenibbiltà, kelli mhux inqas minn 160 laqgħa ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha fl-Università, u għamilna stħarriġ fost l-istudenti bejn Settembru u Novembru 2024. Qisna wkoll il-fehmiet tal-partijiet interessati esterni, l-aktar dawk li jħaddmu u l-imsieħba fl-industrija, u l-aġenziji u l-entitajiet tal-gvern. Dawn il-partijiet interessati dejjem jilqgħu l-istedina tagħna b'entużjażmu meta nistednuhom biex jiltaqgħu magħna fuq il-kampus. L-istess jiġri meta nistiednu lill-istaff u 'l-istudenti tal-Università biex jinvolvu ruħhom, jikkollaboraw u jikkontribwixxu f'firxa sħiħa ta' inizjattivi.

Il-kisbiet tagħna huma xhieda tax-xogħol bla heda u kollaborattiv li jagħmel l-istaff iddedikat u eżemplari, li waqt li jwettaq il-missjoni tiegħu li jagħmel ir-riċerka, jinkoraġġixxi, jgħin u jiggwida lill-istudenti matul il-vjaġġ akkademiku li jkunu għażlu. L-għan ġenerali tal-Università bħala istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla huwa li tindokra lill-istudenti kollha tagħha u tagħtihom l-appoġġ li jeħtieġu. Il-programmi ta' kwalità għolja li toffri jeħtieġu l-għarfien u l-intuwizzjoni tal-istaff akkademiku f'kull grad, u jitħaddmu bl-għajnuna ta' staff amministrattiv kapaċi li jara li fejn jidħol l-operat tagħha, L-Università ta' Malta tibqa' istituzzjoni li tiffunzjona tajjeb u tikseb l-aqwa riżultati possibbli.

Din l-Istrateġija għall-2026–2030 mhux biss tħares lura biex issaħħaħ il-kisbiet li għamlet iżda tfittex li tħares 'il quddiem. Fix-xena lokali, L-Università ta' Malta hija l-istituzzjoni ewlenija tal-edukazzjoni ogħla: hija l-università nazzjonali tal-pajjiż u kisbet l-istatus ta' università b'digriet tal-1769. Bħala l-istituzzjoni ewlenija tan-nazzjon li toffri edukazzjoni ogħla, l-Università għandha mhux biss tirreaġixxi għall-bidliet li jseħħu fis-soċjetà iżda tkun lesta li taddatta ruħha u tieħu l-inizjattiva biex taffronta dawn il-bidliet u l-isfidi. L-Università trid tkun dawl li jmexxi lis-soċjetà u l-kuxjenza tagħha. Hija tirrappreżenta l-prinċipji ta' eċċellenza, ħsieb kritiku, u valuri demokratiċi, u fl-istess ħin ġġib 'il quddiem l-għarfien u toffri soluzzjonijiet għal sfidi kumplessi fuq livell nazzjonali u globali. L-Università trid tkun punt ta' riferiment għall-komunità lokali, tippromwovi l-inklużività, id-diskors ċivili u rispettuż, u l-iżvilupp sostenibbli biex tispira lis-soċjetà u tgħinha timxi 'l quddiem.

Aħna kburin bil-valuri li jagħtuna l-identità tagħna bħala organizzazzjoni. Fil-qalba tal-Istrateġija hemm in-nies li jingħaqdu biex jiffurmaw komunitajiet li jitgħallmu flimkien, lesti li jimpenjaw ruħhom sew għall-ġid u l-kisbiet personali tagħhom u tal-komunità. Din l-Istrateġija tenfasizza ħames valuri ewlenin u l-prinċipji marbutin magħhom imqassmin fuq tliet temi ewlenin. It-tħaddim ta' dawn it-temi fil-qalba tal-Istrateġija għandu jnebbaħ, jixpruna u jgħin lill-istudenti, 'l-istaff, 'l-komunità aktar wiesgħa tal-UM u l-partijiet interessati 'l barra minnha biex jibqgħu dejjem ħerqana li jitgħallmu matul ħajjithom. Dan huwa kruċjali għall-avvanz fl-għarfien permezz tar-riċerka, it-trasformazzjoni tas-soċjetà u l-bini ta' Università reżiljenti.

**Prof. Valerie Sollars**
Prorettur għall-Ippjanar Strateġiku
u s-Sostenibbiltà
Diċembru 2025



# Kburin bil-kisbiet…

**Aħna kburin bil-kisbiet tagħna.** Matul l-aħħar ħames snin (2020–2025) dawn kienu jinkludu:

Żieda ta'
**15%**
fl-istudenti

Żieda ta'
**180%**
fl-istudenti internazzjonali li għażlu li jiġu jistudjaw magħna

Żieda ta'
**106%**
fil-gradwati bid-Dottorat

Ingħatajna
**€12,783,696**
permezz ta' ftehimiet ma' aġenziji u entitajiet lokali, nazzjonali u internazzjonali

Ingħatajna
**€113,136,565**
għal 1,128 proġett kompetittiv ta' riċerka ffinanzjata minn fondi esterni, jiġifieri żieda ta' 127% fin-numru ta' proġetti bħal dawn

Qassamna
**€2,625,000**
mill-fondi interni tal-Università biex jibdew 1,600 proġett ta' riċerka

Qassamna
**€1,806,264**
mill-fondi interni tal-Università lil 36 proġett ta' eċċellenza fir-riċerka

Iġġenerajna iktar minn
**€1,000,000**
permezz tal-Fond tar-Riċerka (RIDT)

Nedejna Gruppi ta' Riċerka li jippromwovu r-riċerka interdixxiplinarja u li kull sena jingħataw
**€100,000**
kull wieħed

**Saru 35**
applikazzjoni ġdida għal privattivi mill-Fakultajiet tal-Inġinerija, tal-Ambjent Mibni, tax-Xjenza,tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, u tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT)

**Inħolqu żewġ kumpaniji ġodda**
biex jikkummerċjalizzaw innovazzjonijiet żviluppati fl-Università u bl-għajnuna ta' Ir-Riċerka Korporattiva u t-Trasferiment tal-Għarfien u l-Malta University Innovation Portfolio Ltd (MUIP). Iż-żewġ kumpaniji għadhom attivi fl-iżvilupp ta' dawn it-teknoloġiji.

Żieda ta'
**52%**
fl-uffiċjali li jgħinu fir-riċerka (RSOs)

Żieda ta'
**9.9%**
fl-istaff amministrattiv

## Nimmiraw għal suċċess akbar










# Kburin bil-kisbiet… *tkompli*

Komplejna **ninvestu fl-istaff tal-Università tagħna…**

Żieda ta' aktar minn

**500%**

fl-għadd ta' ħaddiema li ħadu sehem fil-programm Erasmus ta' żjarat fuq xogħol għall-istaff amministrattiv

Żieda ta'

**185%**

fl-għadd ta' akkademiċi li marru jgħallmu f'istituzzjonijiet oħrajn bħala parti mill-programm Erasmus+

Aktar minn

**260**

kors ta' Żvilupp Professjonali u Personali għall-istaff akkademiku u amministrattiv

**… U fit-titjib tal-ispazji u r-riżorsi għat-tagħlim**

Investejna

**€39,000,000**

fi spazji fuq il-kampus biex inkabbru l-faċilitajiet u r-riċerka marbutin mal-inġinerija, u dan wassal għall-ħolqien tal-Kumpless Transdixxiplinarju tar-Riċerka u l-Iskambju ta' Għarfien (TRAKE) li ngħata l-Premju Malti għall-Eċċellenza fl-Inġinerija 2024

Qassamna mill-ġdid l-ispazji fil-librerija biex inkabbru kemm nistgħu l-post għall-istudju u l-funzjonalità tiegħu

Żviluppajna r-Riżorsi tal-Informazzjoni għar-Riċerka u l-Ħiliet fil-Litteriżmu tal-Informazzjoni. Il-librerija tal-Università ta' Malta għandha aktar minn 60,000 rivista akkademika online u aktar minn 450,000 ktieb elettroniku, disponibbli kontinwament u b'mod remot u simultanju

Investejna

**€1,100,000**

biex intejbu l-metodi u l-mezzi ta' kif nitgħallmu u ngħallmu

Aħna u niċċelebraw dawn l-inizjattivi u inizjattivi oħra li rnexxew, se nkomplu nħabirku, b'rieda dejjem aktar soda, u b'aktar impenn u determinazzjoni, biex niksbu riżultati aħjar u nimmiraw aktar fil-għoli.

# Nimmiraw għal suċċess akbar

# Qbil mal-Għanijiet Nazzjonali u Ewropej

Il-viżjoni strateġika tal-Università ta' Malta taqbel sew mal-prijoritajiet tal-politika nazzjonali u Ewropea kif imfissra f'dokumenti strateġiċi ewlenin[1].

*Id-dokument Viżjoni Malta 2050 jirreferi għat-**trasformazzjoni tas-sistema edukattiva**, u t-titjib tal-programmi edukattivi li jwasslu għal forza tax-xogħol b'livell għoli ħafna ta' edukazzjoni li taħtaf l-opportunitajiet fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja, speċjalment biex tindirizza d-domanda tas-suq tax-xogħol.*

*L-Istrateġija ta' Malta għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2050 titkellem favur il-ħarsien tas-saħħa u l-**ġid u l-kuntentizza** tan-nies, u favur il-**ġustizzja soċjali u prosperità** għal kulħadd permezz ta' tranżizzjoni lejn klima ekoloġika u newtrali, u ekonomija blu; titkellem ukoll fuq aċċellerazzjoni fit-trasformazzjoni u l-konnettività diġitali u l-ħarsien ta' żvilupp urban sostenibbli u l-wirt kulturali.*

*L-Istrateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni 2024-2030 tidentifika tliet pilastri ewlenin li jpoġġu **lill-istudenti u lill-edukaturi fiċ-ċentru** tal-istrateġija billi jiffukaw fuq il-ġid u l-kuntentizza tal-istaff u tal-istudenti, fuq l-iżvilupp uman u t-tisħiħ tal-ħiliet tagħhom, u fuq l-ekwità u l-inklużjoni, biex jaffrontaw il-frammentazzjoni soċjali u l-inugwaljanzi.*

*L-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2023-2030 tfittex li tindirizza **l-kwalità tal-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja** billi tara li jkun hemm varjetà ta' opportunitajiet li jkunu aċċessibbli, personalizzati u b'miri ċari, sabiex jagħtu lill-istudenti ħiliet trasversali li bihom ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati.*

*Malta's National Strategic Action Plan for Further and Higher Education 2022-2030 (Il-Pjan Strateġiku Nazzjonali ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla 2022-2030) jidentifika "viżjoni ta' **ekosistema dinamika u reżiljenti ta' għarfien** sal-2030, ibbażata fuq settur tal-edukazzjoni avvanzata u ogħla li hu innovattiv, inklużiv, u jfittex dejjem il-kwalità, li **kapaċi jispira lill-individwi** matul l-esperjenza edukattiva u matul ħajjithom, biex jiżviluppaw il-ħiliet rilevanti li bihom jistgħu jagħtu sehemhom, bħala **membri tal-komunità u ċittadini attivi**, favur ekonomija ġusta, diġitali u ekoloġika."* (p.31).

*In-National Employment Policy 2021-2030 (Il-Politika Nazzjonali dwar l-Impjiegi 2021-2030)* tiffoka fuq rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet li jħejju l-forza tax-xogħol għal xenarju ekonomiku li dejjem jinbidel. Ir-Rakkomandazzjonijiet nru 9 *(p. 234)* u 10 *(p. 235)* jappellaw għal **reazzjonijiet ta' kwalità u f'waqthom** mill-istituzzjonijiet edukattivi biex dejjem ikunu kapaċi jaqdu l-ħtiġijiet fil-ħiliet tal-futur; jitolbuhom ukoll jippromwovu **t-tagħlim tul il-ħajja** u t-titjib kontinwu fil-ħiliet bħala elementi essenzjali. **Il-kollaborazzjoni bejn l-industrija u d-dinja akkademika** għandha tiffoka fuq is-suq tax-xogħol.

*Il-Viżjoni tal-Kummissjoni Ewropea għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla (EHEA)* identifikat **sitt valuri fundamentali** – il-libertà akkademika, l-integrità akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, il-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-istaff, u r-responsabbiltà pubblika kemm tal-edukazzjoni ogħla u kemm għaliha (p.12). Kollha huma riflessi fil-valuri, il-prinċipji u l-impenji strateġiċi tal-viżjoni u d-direzzjoni strateġika tal-Università ta' Malta.

[1] It-test bil-grassett jenfasizza l-qbil bejn id-dokumenti strateġiċi nazzjonali u Ewropej u d-direzzjoni strateġika tal-Università ta' Malta għall-2026–2030.




WELCOME





Bulgaria
Lithuania
Germany

# Il-Valuri Tagħna u l-Prinċipji Marbutin Magħhom

**Il-Valuri Tagħna u l-Prinċipji Marbutin Magħhom**

Bħala membri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla u firmatarji tal-*Magna Charta Universitatum*, aħna kommessi li nħarsu l-libertà akkademika, l-awtonomija istituzzjonali, il-governanza tajba, ir-responsabbiltà pubblika, l-ugwaljanza, u r-responsabbiltà soċjali. Dawn il-valuri fundamentali huma integrati fil-ħames valuri istituzzjonali speċifiċi tagħna u riflessi fil-ħidma li nwettqu.

| IL-VALURI | IL-PRINĊIPJI |
|---|---|
| **Eċċellenza u Integrità**<br><br>Inħabirku biex nilħqu l-ogħla standards meta ngħallmu u nitgħallmu, u fir-riċerka u fl-impenji li nidħlu għalihom, billi nkunu onesti, u nġibu ruħna b'mod etiku u responsabbli quddiem kulħadd fil-ħidmiet kollha li nwettqu fl-akkademja u fil-komunità. | › Nimpenjaw ruħna bħala għalliema u studenti favur tagħlim u riċerka infurmati u bbażati fuq l-evidenza.<br>› Nuru r-responsabbiltà tagħna permezz ta' proċessi trasparenti, ġusti u etiċi.<br>› Nirriflettu, neżaminaw u ntejbu b'mod regolari l-prattiki istituzzjonali u r-riżultati biex nilħqu sostenibbiltà istituzzjonali u eċċellenza fis-servizz.<br>› Nirrikonoxxu u nippremjaw l-onestà, ir-reqqa u r-responsabbiltà fil-livelli kollha.<br>› Insaħħu l-kultura ta' kwalità. |
| **Kreattività u Innovazzjoni**<br><br>Inrawmu l-kurżità, l-immaġinazzjoni u l-kuraġġ biex nesploraw ideat u soluzzjonijiet ġodda. Inseddqu l-addattabilità, il-kurżità u l-iżvilupp personali u professjonali kontinwu għall-istudenti ta' kull età. | › Ninkoraġġixxu l-kurżità, nippromwovu l-isperimentazzjoni awtonoma iżda responsabbli, u ma nibżgħux nieħdu riskji b'mod kostruttiv u meqjus.<br>› Nagħtu l-appoġġ tagħna lil inizjattivi interdixxiplinarji u kollaborattivi li jiġġeneraw l-għarfien, u li jgħinu fl-iżvilupp professjonali u personali.<br>› Nipprovdu spazji bla periklu għall-espressjoni ħielsa, id-djalogu, l-esplorazzjoni u l-ħsieb mhux konvenzjonali.<br>› Nippromwovu opportunitajiet għal tiftix u tagħlim tul il-ħajja, u nsaħħu r-riflessjoni kritika u l-addattabilità. |

**Il-Valuri Tagħna u l-Prinċipji Marbutin Magħhom** ——— *tkompli*

## Kollaborazzjoni Inklużiva u Rispettuża

Inrawmu ambjent li jippromwovi l-empatija, id-dinjità u l-appoġġ reċiproku bejn id-dixxiplini, il-kulturi u l-komunitajiet, u naraw li jkun hemm opportunitajiet ġusti u aċċessibbli għal dawk kollha li qed jitgħallmu, inkluż l-istaff tal-Università.

- Nisimgħu tassew lil ħaddieħor u ninteraġixxu b'qalb miftuħa, empatija u umiltà.
- Nippromwovu l-ekwità fil-parteċipazzjoni, ir-riżorsi u r-rikonoxximent.
- Niċċelebraw id-diversità tal-ħsieb, tal-identità u tal-perspettiva bħala kwalitajiet sbieħ.
- Insolvu l-kunflitti b'mod kostruttiv u rispettuż.

## Tmexxija u Tisħiħ tal-Ħiliet

Ninkoraġġixxu lill-istudenti u 'l-istaff kollu biex imexxu lil ħaddieħor b'viżjoni, responsabbiltà u altruwiżmu.

- Niżviluppaw ħiliet ta' tmexxija, għarfien ta' tmexxija u taħriġ intraprenditorjali fil-livelli kollha, mill-istudenti sal-istaff b'esperjenza.
- Ninkoraġġixxu lin-nies jieħdu deċiżjonijiet li jagħtu prijorità lill-valur tas-servizz u r-responsabbiltà ġenerali minflok il-gwadann personali.
- Niggwidaw u nassistu lill-oħrajn biex iwettqu l-potenzjal kollu tagħhom b'integrità, b'sens ta' ġustizzja u mogħdrija.
- Insaħħu l-ħiliet ta' dawk li jmexxu biex jużaw ir-riżorsi kollha bl-iktar mod effettiv u konsistenti.

## Involviment fil-Komunità, Responsabbiltà Lokali u Globali

Norbtu l-għarfien mal-isfidi reali tad-dinja biex insaħħu l-komunitajiet u nippromwovu l-iżvilupp sostenibbli, il-ġustizzja u ċ-ċittadinanza etika għal futur aħjar.

- Noħolqu l-għarfien u nsibu s-soluzzjonijiet flimkien mal-komunitajiet lokali u mhux nippruvaw noħolquhom aħna għalihom.
- Nippromwovu l-wirt lingwistiku permezz tal-użu kontinwu u l-iżvilupp tal-lingwa nazzjonali u l-lingwi uffiċjali.
- Inqisu sew ir-responsabbiltà ambjentali u soċjali tagħna fil-prattiki tax-xogħol bħala istituzzjoni, dejjem konxji tal-implikazzjonijiet fuq l-użu tar-riżorsi.
- Inkabbru ċ-ċittadinanza globali permezz ta' kollaborazzjonijiet u perspettivi internazzjonali.
- Nippromwovu l-ġustizzja, is-sostenibbiltà u l-prattiki etiċi fir-riċerka, meta ngħallmu, u fil-kuntatt tagħna mal-komunità.

# It-Temi Ewlenin Tagħna



### Edukazzjoni Trasformattiva f'Dinja li qed Tinbidel

Aħna rridu niżviluppaw tagħlim li jħejji lill-istudenti biex jirnexxu f'ambjent globali kumpless, interkonness u li qiegħed jinbidel malajr. Permezz ta' pedagoġija innovattiva, integrazzjoni diġitali u l-użu tal-IA, se nagħmlu ħilitna biex nippersonalizzaw it-tagħlim u nippromwovu metodi inklużivi. Irridu nrawmu l-ħsieb kritiku, il-kreattività u l-addattabilità biex il-gradwati tagħna jkollhom l-għarfien, il-ħiliet u l-valuri li bihom ikunu kapaċi jmexxu lil ħaddieħor u jagħtu kontribut sinifikattiv lis-soċjetà.



### L-Eċċellenza u l-Impatt fir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Aħna rridu nsaħħu l-volum u l-firxa tar-riċerka tagħna fid-dixxiplini kollha biex nindirizzaw l-isfidi nazzjonali u globali kbar li għandna u nagħtu sehemna fl-iżvilupp tal-għarfien. Permezz tal-promozzjoni tal-kollaborazzjoni, inkluż ir-riċerka multidixxiplinarja, l-istudji aċċessibbli għal kulħadd, u l-valorizzazzjoni effettiva tal-għarfien, irridu naraw li r-riċerka akkademika tagħna tħalli impatt fid-dinja reali u tinfluwenza l-politika pubblika, l-innovazzjoni fl-industrija u l-progress tas-soċjetà.



### Ħidma bi Sħab u Kuntatt mas-Soċjetà

Aħna rridu nkabbru l-ħidma mill-qrib tagħna mal-komunitajiet differenti, mal-industriji u ma' msieħba internazzjonali biex nikbru flimkien u nitgħallmu mingħand xulxin. Nixtiequ li minn persuni li jirċievu l-għarfien b'mod passiv, l-istudenti jsiru parteċipanti u ħallieqa huma wkoll fl-esperjenza tat-tagħlim permezz ta' proġetti prattiċi ma' msieħba fil-komunità. Permezz tal-kuntatt mas-soċjetà, is-servizz li nagħtu u l-kollaborazzjoni, irridu nsaħħu l-irwol tal-Università bħala istituzzjoni li tixpruna l-iżvilupp soċjali, kulturali u ekonomiku fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

# IL-QBIL BEJN IT-TEMI EWLENIN U L-VALURI U L-PRINĊIPJI TAGĦNA




| VALURI U PRINĊIPJI | EDUKAZZJONI TRASFORMATTIVA | EĊĊELLENZA U IMPATT FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI | KOLLABORAZZJONIJIET U RABTA MAS-SOĊJETÀ |
|---|---|---|---|
| **Eċċellenza u Integrità** | Nippromwovu kultura ta' standards għoljin fit-tagħlim permezz ta' reqqa akkademika u etika fil-mod kif ngħallmu. | Indaħħlu l-integrità, l-etika u l-kwalità fil-prattiki u l-kisbiet mir-riċerka. | Nibnu kollaborazzjoni msejsa fuq it-trasparenza, il-fiduċja u r-responsabbiltà pubblika. |
| **Kreattività u Innovazzjoni** | Nippromwovu pedagoġiji innovattivi, tagħlim diġitali, u mogħdijiet flessibbli biex inħejju lill-istudenti għall-bidliet li jseħħu. | Ninkoraġġixxu l-ħsieb kritiku oriġinali, ir-riċerka interdixxiplinarja, u l-ħeġġa għall-iskoperta. | Insibu soluzzjonijiet mal-komunitajiet u l-industriji lokali li jixprunaw l-innovazzjoni flimkien. |
| **Kollaborazzjoni Inklużiva u Rispettuża** | Noħolqu spazji ta' tagħlim inklużivi u miftuħa għall-kulturi u li japprezzaw il-valur tad-diversità. | Ninkoraġġixxu l-kollaborazzjoni fir-riċerka bejn dixxiplini differenti. | Insaħħu l-kollaborazzjonijiet permezz tar-rispett reċiproku, skopijiet komuni u l-inklużjoni. |
| **Tmexxija u Tisħiħ tal-Ħiliet** | Nagħtu lill-istudenti l-ħiliet u l-fiduċja fihom infushom biex jixprunaw il-bidla fuq livell lokali, nazzjonali u internazzjonali. | Nagħtu l-ħiliet lir-riċerkaturi, dawk li jmexxu l-proġetti ta' riċerka u l-istudenti biex isibu soluzzjonijiet li jħallu impatt. | Inrawmu kultura ta' tmexxija kollaborattiva mal-komunitajiet biex naffrontaw l-isfidi li tiffaċċja s-soċjetà. |
| **Involviment fil-Komunità, Responsabbiltà Lokali u Globali** | Norbtu t-tagħlim ma' realtajiet u ċirkustanzi fil-ħajja ta' kuljum, u nippromwovu s-sostenibbiltà, il-ġustizzja u ċ-ċittadinanza mibnija fuq l-etika. | Niżviluppaw għarfien li hu ta' ġid għas-soċjetà, li jaqbel mal-iżvilupp sostenibbli, u li jixpruna r-riċerka ma' istituzzjonijiet internazzjonali. | Insaħħu l-komunitajiet permezz ta' inizjattivi ta' kollaborazzjoni li jindirizzaw l-isfidi lokali u globali. |

# L-Impenji Strateġiċi, l-Għanijiet u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni

| VALURI U PRINĊIPJI | TEMI EWLENIN | IMPENJI STRATEĠIĊI | MIRI STRATEĠIĊI | INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI |
|---|---|---|---|---|
| **Eċċellenza u Integrità** | Edukazzjoni Trasformattiva | Nintrabtu li noffru programmi ta' tagħlim ta' kwalità għolja, b'bażi etika soda, u rilevanti fil-qafas internazzjonali. | Naraw li l-programmi akkademiċi jissodisfaw standards internazzjonali ta' kwalità u integrità. | 1. Nirrevedu l-programmi ta' studju u t-taqsimiet-studju biex intejbu l-effiċjenza u nnaqqsu r-ripetizzjoni bla bżonn<br>2. Inkejlu s-sodisfazzjon tal-istudenti<br>3. Naraw kemm studenti jibqgħu jistudjaw magħna.<br>4. Nibqgħu nħaddmu sistema interna b'saħħitha li tara li l-kwalità tat-tagħlim tibqa' għolja (APR u PPR) |
| | Riċerka u Innovazzjoni | Nimxu mal-ogħla standards ta' etika fir-riċerka, l-integrità u l-eċċellenza biex noħolqu għarfien li n-nies jafdawh u jħalli impatt. | Insaħħu l-governanza fir-riċerka, l-etika, u l-proċessi ta' kwalità. | 1. Żieda fil-pubblikazzjonijiet f'rivisti u databases akkademiċi awtorevoli.<br>2. Żieda fir-referenzi akkademiċi għall-pubblikazzjonijiet tagħna<br>3. Konformità mal-istandards etiċi<br>4. Valutazzjoni komparattiva u rankings esterni<br>5. Valorizzazzjoni tar-riċerka applikata li għandha impatt fuq is-soċjetà |
| | Kollaborazzjonijiet u Rabta mas-Soċjetà | Nibnu sħubijiet li huma trasparenti, responsabbli quddiem il-pubbliku, u ta' ġid għal kulħadd. | Nistabbilixxu strutturi ċari ta' governanza għas-sħubijiet. | 1. Nippromwovu sħubijiet formali attivi, fosthom il-kontinwazzjoni tas-sħubija f'alleanza universitarja Ewropea<br>2. Insegwu mill-qrib il-kwalità u l-kwantità tar-riżultati pożittivi mis-sħubijiet |



## L-Impenji Strateġiċi, l-Għanijiet u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni — *tkompli*

| VALURI U PRINĊIPJI | TEMI EWLENIN | IMPENJI STRATEĠIĊI | MIRI STRATEĠIĊI | INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI |
|---|---|---|---|---|
| Kreattività u Innovazzjoni | Edukazzjoni Trasformattiva | Nintrabtu li nfasslu kurrikuli u mudelli ta' tagħlim innovattivi, li nistgħu naddattawhom għaċ-ċirkustanzi, u li kapaċi jagħrfu u jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-soċjetà u tal-forza tax-xogħol li dejjem jevolvu. | Nintegraw mogħdijiet flessibbli ta' tagħlim u innovazzjoni diġitali. | 1. Insegwu mill-qrib il-programmi ġodda jew imfassla mill-ġdid biex naraw li jaqdu l-ħtiġijiet tas-soċjetà<br>2. Nisħqu fuq l-użu tat-tagħlim fil-post u virtwali u tagħlim online<br>3. Noffru varjetà ta' servizzi edukattivi: mikrokredenzjali, tagħlim integrat fix-xogħol li jtejjeb u jġedded il-ħiliet, programmi ta' studju qosra<br>4. Naraw kemm jipparteċipaw studenti f'tagħlim tul il-ħajja<br>5. Nippromwovu t-tfassil ta' kurrikulu li jinkoraġġixxi l-ħsieb dwar ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet f'sistema u l-kompetenzi meħtieġa fil-futur biex naffrontaw kwistjonijiet ta' sostenibbiltà |
| | Riċerka u Innovazzjoni | Ninvestu f'riċerka interdixxiplinarja u kreattiva, speċjalment dik li tixpruna l-ħeġġa għall-iskoperta u għandha impatt lokali sinifikattiv. | Inżidu l-appoġġ għall-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien. | 1. Nieħdu nota taż-żieda fi proġetti interdixxiplinarji<br>2. Nippromwovu l-privattivi, l-innovazzjonijiet, il-kumpaniji spin-out jew prototipi<br>3. Nosservaw mill-qrib ir-riċerka ffinanzjata mill-industrija<br>4. Niffukaw fuq it-twettiq ta' riċerka li tindirizza problemi lokali |
| | Kollaborazzjonijiet u Rabta mas-Soċjetà | Nikkollaboraw ma' msieħba istituzzjonali, komunitajiet u industriji biex meta nistgħu, naqsmu r-riżorsi u flimkien insibu modi innovattivi kif naffrontaw sfidi komuni. | Nippromwovu ċ-ċentri ta' innovazzjoni u inizjattivi kollaborattivi. | 1. Nosservaw l-għadd ta' proġetti maħluqa flimkien<br>2. Nosservaw u nanalizzaw l-involviment tal-imsieħba u tas-soċjetà |



## L-Impenji Strateġiċi, l-Għanijiet u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni — *tkompli*

| VALURI U PRINĊIPJI | TEMI EWLENIN | IMPENJI STRATEĠIĊI | MIRI STRATEĠIĊI | INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI |
|---|---|---|---|---|
| **Kollaborazzjoni Inklużiva u Rispettuża** | Edukazzjoni Trasformattiva | Naraw li jkollna edukazzjoni inklużiva u li tirrispetta l-kulturi li fiha l-istudenti kollha jħossuhom apprezzati u jingħataw il-ħiliet biex ikunu jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom. | Insaħħu l-istrateġiji għall-aċċess, l-ekwità u l-inklużjoni. | 1. Naraw li jirreġistraw studenti b'firxa ta' ħiliet u jibqgħu jistudjaw magħna<br>2. Inżommu l-kisbiet li għamilna fejn tidħol l-ekwità tal-istudenti u nsaħħuhom<br>3. Prattiki pedagoġiċi inklużivi |
| | Riċerka u Innovazzjoni | Nippromwovu ekosistemi inklużivi tar-riċerka li jiffukaw fuq perspettivi differenti u kollaborazzjoni msejsa fuq l-ekwità. | Nibnu kollaborazzjonijiet u networks imsejsa fuq l-ekwità. | 1. Fejn hu rilevanti, nosservaw u nqisu r-rappreżentanza ta' gruppi li ma tantx jidhru fir-riċerka<br>2. Niżviluppaw l-opportunitajiet ta' networking għar-riċerkaturi dawk li jmexxu proġetti ta' riċerka<br>3. Nippromwovu programmi inklużivi ta' taħriġ fir-riċerka<br>4. Neżaminaw l-impatt tal-ekwità |
| | Kollaborazzjonijiet u Rabta mas-Soċjetà | Nibnu sħubijiet rispettużi u bbażati fuq il-fiduċja ma' komunitajiet, industriji, u networks nazzjonali u internazzjonali. | Nistabbilixxu mudelli ta' governanza konġunta u t-teħid tad-deċiżjonijiet flimkien. | 1. Naraw is-sodisfazzjon tal-imsieħba fil-komunità<br>2. Insegwu l-andament tal-ftehimiet li nkunu għamilna flimkien u l-kisbiet minnhom<br>3. Naraw li s-sħubijiet jibqgħu għaddejjin fit-tul |


MIAMI

## L-Impenji Strateġiċi, l-Għanijiet u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni ——— *tkompli*

| VALURI U PRINĊIPJI | TEMI EWLENIN | IMPENJI STRATEĠIĊI | MIRI STRATEĠIĊI | INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI |
|---|---|---|---|---|
| **Tmexxija u Tisħiħ tal-Ħiliet** | Edukazzjoni Trasformattiva | Nimpenjaw ruħna fil-formazzjoni ta' gradwati li jkunu mexxejja b'kuxjenza etika, kunfidenti u kapaċi f'dinja li qiegħda tinbidel il-ħin kollu. | Nintegraw l-iżvilupp tal-ħiliet fit-tmexxija fil-programmi kollha. | 1. Noħolqu networks tal-alumni u ngħinuhom jibqgħu jiffunzjonaw<br>2. Alumni f'pożizzjonijiet ta' tmexxija<br>3. Parteċipazzjoni fi programmi ta' taħriġ fit-tmexxija |
| | Riċerka u Innovazzjoni | Nagħtu l-ħiliet lir-riċerkaturi, l-istudenti u l-imsieħba biex imexxu proġetti trasformattivi u jinfluwenzaw il-politika u l-ħidma li ssir. | Insaħħu l-infrastruttura u r-riżorsi għat-tmexxija fir-riċerka. | 1. In-numru ta' nies li jmexxu proġetti ta' riċerka u l-fondi u l-għotjiet miksuba<br>2. Proġetti ta' riċerka mmexxija mill-istudenti |
| | Kollaborazzjonijiet u Rabta mas-Soċjetà | Ngħinu fl-iżvilupp ta' mudelli ta' tmexxija flimkien meta naħdmu mal-komunitajiet biex nixprunaw il-bidla u l-innovazzjoni sostenibbli. | Insaħħu l-inizjattivi mmexxija mill-komunità u l-governanza. | 1. In-numru ta' proġetti li mmexxu flimkien<br>2. Evidenza tal-impatt fuq il-komunitajiet<br>3. Strutturi ta' tmexxija flimkien |



## L-Impenji Strateġiċi, l-Għanijiet u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni ——— *tkompli*

| VALURI U PRINĊIPJI | TEMI EWLENIN | IMPENJI STRATEĠIĊI | MIRI STRATEĠIĊI | INDIKATURI EWLENIN TAL-PRESTAZZJONI |
|---|---|---|---|---|
| **Involviment fil-Komunità, Responsabbiltà Lokali u Globali** | Edukazzjoni Trasformattiva | Indaħħlu s-sostenibbiltà, il-ġustizzja, u ċ-ċittadinanza globali fl-esperjenzi kollha tat-tagħlim. | Nintegraw ir-responsabbiltà globali fil-kurrikulu u l-ħajja fuq il-kampus. | 1. In-numru ta' programmi ta' studju u/jew taqsimiet-studju b'kisbiet mit-tagħlim marbutin mas-sostenibbiltà, iċ-ċittadinanza globali jew ir-responsabbiltà soċjali<br>2. Is-sehem tal-istudenti f'inizjattivi ta' responsabbiltà globali jew komunitarja (volontarjat, klabbs tal-SDG, eċċ.)<br>3. In-numru ta' membri tal-istaff akkademiku tal-Università ta' Malta mħarrġin fl-integrazzjoni tar-responsabbiltà globali |
| | Riċerka u Innovazzjoni | Norbtu l-prijoritajiet tar-riċerka li ssir mal-isfidi lokali u globali u l-ġid komuni biex inħallu l-ikbar impatt soċjali u ambjentali possibbli. | Ninkoraġġixxu l-integrazzjoni tal-impenn soċjali, ambjentali, u komunitarju u dimensjonijiet etiċi fi proġetti ta' riċerka biex nixprunaw innovazzjoni responsabbli, inklużiva u sostenibbli. | 1. In-numru ta' proġetti ta' riċerka li jintegraw imqar dimensjoni soċjali jew ambjentali waħda<br>2. Nivvalorizzaw ir-riċerka istituzzjonali li tintegra mqar dimensjoni soċjali, ambjentali jew etika waħda |
| | Kollaborazzjonijiet u Rabta mas-Soċjetà | Insaħħu n-networks lokali u internazzjonali biex nindirizzaw ċirkustanzi u realtajiet marbutin mas-soċjetà b'mod kollaborattiv u responsabbli. | Nibnu alleanzi strateġiċi lokali u internazzjonali biex nilħqu miri komuni. | 1. In-numru ta' avvenimenti u workshops internazzjonali jew interkulturali li jsiru kull sena<br>2. In-numru ta' sħubijiet ma' universitajiet jew għaqdiet mhux governattivi internazzjonali fuq proġetti ta' sostenibbiltà jew ċittadinanza globali<br>3. In-numru ta' proġetti lokali marbutin mal-miri tal-iżvilupp sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Magħquda<br>4. Rikonoxximent tal-Università ta' Malta fir-rankings internazzjonali fil-qasam tas-sostenibbiltà u l-impatt fuq l-ambjent<br>5. Ninkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti permezz tal-impenn tagħhom, ngħidu aħna, f'soċjetajiet tal-istudenti u f'avvenimenti sportivi |


9
Research Expo 2025
Dr Anthony Scerri* et al.
* Department of Nursing
Faculty of Health Sciences
AUTONOMY
BENEFICENCE
NON-MALEFICENCE
JUSTICE
SOCIAL INCLUSION
PRIVACY
Results and Conclusions
EDEM
Research Expo
2025
CAT

# It-Twettiq tal-Pjan Strateġiku

Dan id-dokument jistabbilixxi l-viżjoni għall-Pjan Strateġiku 2026–2030 li trid twettaq l-Università ta' Malta. Il-pass li jmiss hu li nsarrfu din il-viżjoni f'azzjoni konkreta li:

- tagħżel tip ta' tmexxija li tgħin biex nies oħra mhux biss jagħtu sehemhom imma jerfgħu parti mir-responsabbiltà tal-ippjanar, l-artikolazzjoni u l-implimentazzjoni għaqlija tal-impenji strateġiċi;
- tagħti prijorità lil dak li għandna niffukaw fuqu u tifhem kif il-bidla se taffettwa lill-kollegi u l-istudenti;
- tifli u tqis bir-reqqa x'riżorsi u finanzi se jkun hemm bżonn biex dan il-Pjan Strateġiku jirnexxi, u b'hekk inserrħu rasna li bl-ispiża li nagħmlu naħtfu l-opportunitajiet li għandna quddiemna.

# REFERENZI


Il-Kummissjoni Ewropea/EACEA/Eurydice, 2024. *The European Higher Education Area in 2024 Bologna Process Implementation Report.* Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Magna Charta Observatory. (2020). Magna Charta Universitatum. Osservatorju tal-Magna Charta Universitatum.

L-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. 2022. *Malta's National Strategic Action Plan for Further and Higher Education 2022–2030.*

Il-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi (MEEP). 2025. *Malta Vision 2050.* MEEP.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. 2023. *National Education Strategy 2024–2030.* Il-Furjana: Id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. *National Education Strategy 2024–2030. Visioning the future by transforming education.* Il-Furjana: MEYR.

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni taż-Żona tal-Port il-Kbir. *Malta's Sustainable Development Strategy for 2050.*

Il-Ministeru għall-Finanzi u l-Impjiegi. 2021. *The National Employment Policy 2021–2030.* Il-Belt Valletta: Il-Ministeru tal-Finanzi.



*Ħajr lil Doriana Falzon Domenici għall-ewwel abbozz tad-dokument meqlub għall-Malti u lil Professuri Adrian Grima u George Farrugia, u lil René Monseigneur, mill-Uffiċċju tal-Marketing, il-Komunikazzjoni u l-Alumni, talli qraw u flew bir-reqqa u b'ħila kbira, din il-verżjoni tal-istrateġija bil-Malti.*

*Ħajr lill-istaff mill-Uffiċċju tal-Marketing, il-Komunikazzjoni u l-Alumni, speċjalment lil Gabriel Izzo, tal-ħidma tagħhom fuq it-tfassil u t-tqassim tad-dokumenti tal-istrateġija ta' L-Universita' ta' Malta 2026–2030.*



L-Università ta' Malta

um.edu.mt/strategy